*22 ta' Jannar, 2010*

10/2010

## IR-RIFORMA FIT-TRANŻIZZJONI MILL-PRIMARJA GĦAS-SEKONDARJA FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

### Bini u tkabbir ta' skejjel

Il-proċess tar-riforma fit-transizzjoni mill-primarja għas-sekondarja wassal lill-iskejjel tal-Knisja sabiex jieħdu diversi inizjattivi. Dawn l-inizjattivi jinsabu fi stadji differenti fil-proċess tat-twettiq.

Xi skejjel tas-subien (St Paul's Missionary College, is-Seminarju, Malta, St Augustine College, u Savio College) qed jaħsbu sabiex jibnu skola primarja, u Theresa Nuzzo (skola tal-bniet) se tibni skola sekondarja. Is-Seminarju, Malta (subien), is-Seminarju, Għawdex (subien), u l-iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof (bniet) se jżidu klassi mill-Form 1 sal-Form 5 u l-iskola St Michael, Ħal-Qormi (subien) se żżid klassi fil-Form 1 u fil-Form 2. Qed jiġi kkunsidrat li jiżdiedu ukoll 3 klassijiet Kinder f'Għawdex.

Id-dħul f'dawn il-primarji fl-ewwel tlett snin se jkun fl-ewwel u fir-raba' sena. B'dan il-mod, fi tliet snin, dawn l-iskejjel jimtlew u dħul fil-Form 1 ikun proċess faċli. Meta jimtlew il-primarji l-ġodda id-dħul fl-iskejjel jibda jsir b'mod regolari fil-Kinder 1, Kinder 2, l-ewwel sena primarja u l-ewwel sena sekondarja.

### Il-Prinċipju tal-Kontinwità

Bħala parti mill-istess riforma se jissaħaħ il-prinċipju tal-kontinwità. B'dan il-prinċipju tfal li jidħlu fi skola tal-Knisja li għandha livelli ogħla jibqgħu fiha. Dan il-prinċipju issa se jiġi estiż għall-iskejjel kollha jiġifieri tfal li jidħlu fi skola tal-Knisja jistgħu jkomplu fi skola tal-Knisja. Fejn l-iskola tal-livell superjuri tkun ta' l-istess kongregazzjoni it-tfal imorru f'dik l-iskola. Meta t-tfal jispiċċaw minn skejjel tal-Knisja differenti u jkun hemm diversi skejjel fejn jistgħu jidħlu, tintuża s-sistema tal-polza sabiex huma jagħżlu wara xulxin l-iskola li jkunu jixtiequ. Per

eżempju huwa kalkulat li xi mitt (100) tifel jew tifla jispiċċaw il-Kinder 2 u l-iskola tagħhom ma tkompliex. Dawn il-mitt student issa se jiġu milqugħa fi skejjel oħra tal-Knisja. L-istess jiġri fi tmiem tas-sitt sena primarja meta xi 150 student jispiċċaw minn skejjel li ma' għandhomx is-sekondarja. Dawn l-istudenti se jiġu aċċettati fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja.

Ta' min jinnota li fl-2011, 2012 u l-2013 il-postijiet vakanti għas-subien fil-Form 1 f'Malta se jkun ta' madwar 400 kull sena. Dan ifisser li barra s-subien li jiġu mill-iskejjel primarji tal-Knisja jkun baqa xi 250 post. Dawn il-postijiet jkun jistgħu jimtlew minn subien li jkunu fl-iskejjel tal-Istat jew Indipendenti. Anke f'dan il-każ tintuża s-sistema tal-polza sabiex jintagħżel minn se jinkiteb fi skola tal-Knisja.

**Kriterji tad-Dħul**

Mill-kriterji eżistenti tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja se jispiċċa dak tal-eżami għad-dħul fil-Form1. Il-Kriterji l-oħra huma:

1. tfal li qegħdin fid-djar tal-Knisja,
2. tfal bi bżonnijiet speċjali,
3. Aħwa fl-istess skola ta' ħuthom,
4. il-bqija bil-polza.

Il-kriterju ta' l-aħwa se jiġi estiż għall-iskejjel li sa issa kienu jdaħħlu tfal bl-eżami komuni u li ma' kellhomx primarja.

Mal-kriterji tad-dħul qed jiżdied kriterju ġdid li jixbaħ ħafna lil dak ta' l-aħwa. B'dan il-kriterju ġdid ulied ta' mpjegati ta' skola tal-Knisja, jistgħu jinkitbu fl-iskola fejn ikun qed jaħdem il-missier jew taħdem l-omm. Dan il-kriterju għandu jgħin lill-familji li jaħdmu fl-iskejjel tal-Knisja għaliex b'hekk il-ġenituri ikun jistgħu jieħdu lil uliedhom magħhom. Minn studju li sar mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni jirriżulta li l-impatt ta' dan il-kriterju fuq in-numru ta' tfal li se jidħlu fl-iskejjel tal-Knisja se jkun minimu, average ta' student/a kull sena f'kull skola.

**In-numru ta' studenti li se jidħlu fl-iskejjel tal-Knisja**

Dawn it-tabelli (taħt) jindikaw in-numru ta' studenti li se jidħlu f'kull livell f'kull skola tal-Knisja mis-sena 2011. Dawn il-postijiet ma humiex kollha vakanti għall-polza għaliex xi studenti se jinkitbu fl-iskejjel bis-saħħa tal-kriterji ta' l-aħwa, tal-ġenitur li j/taħdem fi skola tal-Knisja, ta' tfal min djar tat-tfal tal-Knisja u ta' tfal bi bżonnijiet speċjali. L-ewwel tabelli jidiskrivu s-sitwazzjoni f'Malta.

| | Dħul fil-Kinder 1 | 2011 |
|---|---|---|
| 1. | St Angela, Cospicua | 15 |
| 2. | St Angela, Lija | 8 |
| 3. | St Angela, Valletta | 9 |
| 4. | St Angela, Rabat | 10 |
| 5. | St Angela, Żabbar | 10 |
| 6. | St Angela, Msida | 10 |
| 7. | St Angela, Sliema | 15 |
| 8. | St Francis, St Paul | 15 |
| 9. | St Francis, Luqa | 15 |
| 10. | St Francis, Għargħur | 7 |
| 11. | St Francis, San Ġwann | 15 |
| 12. | St Francis, Żebbuġ | 15 |
| 13. | St Francis, Siġġiewi | 15 |
| 14. | St Francis, Santa Luċija | 15 |
| 15. | Theresa Nuzzo, Żejtun | 15 |
| 16. | Theresa Nuzzo, Ħamrun | 30 |
| | **Total Dħul Kinder 1** | 219 |

Min dawn l-220, madwar 180 ikomplu f' Kinder 2 fl-istess skola, l-40 l-oħra jiġu aċċettati fl-iskejjel l-oħra tal-Knisja.

| | Dħul fil-Kinder 2 | 2011 |
|---|---|---|
| 1. | St Dorothy Sliema | 20 |
| 2. | St Dorothy Żebbuġ | 20 |
| 3. | St Monica Gżira | 40 |
| 4. | St Monica Mosta | 40 |
| 5. | St Joseph Paola | 18 |
| 6. | St Joseph Blata l-Bajda | 40 |
| 7. | St Joseph Sliema | 40 |
| 8. | Holy Family, Birżebbuġa | 40 |
| | **Total Dħul Kinder 2** | **258** |

Minn dawk li jispiċċaw il-Kinder 2 xi 100 se jiġu aċċettati fl-iskejjel l-oħra tal-Knisja. Il-bqija ikomplu fl-istess skola jew skola tal-istess kongregazzjoni.

| | **Dħul fil-Year 1** | **2011** |
|---|---|---|
| 1. | De La Salle | 92 |
| 2. | St Albert | 24 |
| 3. | St Benilds | 72 |
| 4. | St Aloysius Junior | 20 |
| 5. | Sacred Heart Convent | 75 |
| 6. | St Dorothy Sliema | 25 |
| 7. | St Monica B'Kara | 20 |
| 8. | St Monica Gżira | 20 |
| 9. | Our Lady Immaculate | 50 |
| 10. | St Augustine | 75 |
| 11. | St Paul's Missionary | 50 |
| 12. | Seminary Malta | 75 |
| 13. | St Joseph Sliema | 15 |
| | **Total fil-Year 1** | **613** |

| | **Dħul fil-Year 4** | **2011<br>2012<br>2013** | **2014** |
|---|---|---|---|
| 1. | St Augustine | 75 | 0 |
| 2. | St Paul's Missionary | 50 | 0 |
| 3. | De La Salle | 92 | 0 |
| 4. | Seminary Malta | 75 | 0 |
| | **Total Year 4** | **292** | |

It-tabella li jmiss turi d-dħul ta' postijiet vakanti fil-Form 1. Xi 150 minn dawn l-istudenti se jimtlew mill-Primarji li ma għandhomx sekondarja.

| | Dħul fil-Form 1 | 2011<br>2012<br>2013 | 2014 |
|---|---|---|---|
| 1. | De La Salle | 25 | 25 |
| 2. | Stella Maris, Gżira | 25 | 25 |
| 3. | St Albert | 14 | 14 |
| 4. | St Augustine | 75 | 0 |
| 5. | St Dominic Savio | 50 | 0 |
| 6. | St Elias | 50 | 50 |
| 7. | St Michael | 75 | 75 |
| 8. | St Paul's Missionary | 50 | 0 |
| 9. | Is-Seminarju, Malta | 50 | 0 |
| | **Total Malta Subien** | **414** | **189** |

| | Dħul fil-Form 2 | 2011 biss |
|---|---|---|
| 1. | St. Michael School | 15 |

Id-dħul f'Għawdex huwa pjanat li jkun hekk:

| | Dħul fil-Kinder 1 | 2011 |
|---|---|---|
| 1. | St Theresa | 29 |
| 2. | Laura Vicuna | 29 |
| 3. | St Francis | 57 |
| 4. | Konservatorju tal-Isqof | 29 |
| | **Total Għawdex** | **144** |

It-tfal li jispiċċaw il-Primarja fl-iskejjel tal-Knisja jkunu jistgħu ikomplu, is-subien fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù u l-bniet fl-iskola Sekondarja Konservatorju tal-Isqof.

| | **Dħul fil-Form 1** | **2011** |
|---|---|---|
| 1. | Seminarju Minuri Qalb ta' Ġesù | 72 |
| 2. | Konservatorju tal-Isqof | 72 |
| | **Total Għawdex** | **144** |

**Meta titlesta din l-espansjoni kollha in-numru ta' tfal fl-iskejjel tal-Knisja jiżdied b'2,300 student.** Hekk it-total ta' tfal fl-iskejjel tal-Knisja, Kinder, Primarja u Sekondarja minn madwar 15,000 jitla għal madwar 17,300. Mhux ta' min jinsa li l-Knisja għandha wkoll żewġ Sixth Forms li bejniethom qed jipprovdu edukazzjoni sekondarja għola għal xi 650 student/a.

Paragun man-numru ta' tfal fl-iskejjel tal-Istat (Kinder, Primarja u Sekondarja) fejn fl-2007 huwa reġistrat li hemm 41,570, **fil-preżent fl-iskejjel tal-Knisja hemm kważi 36%. Fl-2019 il-persentaġ mistenna jkun ta' madwar 41.6%.** Il-probabilità hi li l-persentaġ ikun għola jekk ir-rata tat-twelid tibqa nieżla. Din hija responsabilità kbira għall-Knisja li bil-għajnuna ta' kullħadd taħdem għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi.

*Fr Dominic V. Scerri O.P.*
Delegat tal-Arċisqof għall-Edukazzjoni

*Fr David Cilia*
Chairperson P.S.A.

*Fr Charles Mallia*
Segretarju P. S. A.